



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2017/0563/A (Austria)

Att Provinċjali li jemenda l-Att ta' Oberösterreich dwar l-Imħatri

Data tal-wasla : 29/11/2017

Tmiem tal-Waqfien : 01/03/2018 (closed)

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2017) 03127

Direttiva (UE) 2015/1535

Traduzzjoni tal-messaġġ 001

Notifika: 2017/0563/A

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késések - Ma' jiftaħx il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - He ce предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 201703127.MT)

1. MSG 002 IND 2017 0563 A MT 29-11-2017 A NOTIF

2. A

3A. Bundesministerium für Wissenschaft, Forschung und Wirtschaft

Abteilung C2/1

A-1010 Wien, Stubenring 1

Telefon +43-1/71100-805896

Telefax +43-1/71100-8045896

E-Mail: not9834@bmwfw.gv.at

3B. Amt der oberösterreichischen Landesregierung

Direktion Verfassungsdienst

4021 Linz, Landhausplatz 1

Telefon +43-732/7720-11171

Telefax +43-732/7720-211713

E-Mail: verfd.post@ooe.gv.at

4. 2017/0563/A - H10

5. Att Provinċjali li jemenda l-Att ta' Oberösterreich dwar l-Imħatri

6. Terminals tal-imħatri

7. -

8. Id-detenturi tal-liċenzja għandhom jiżguraw li l-imħatri jintlagħbu biss minn persuni li jkunu għalqu t-18-il sena, u għalhekk f'każ ta' dubju hija meħtieġa kard għall-klijent tal-imħatri biex jintużaw it-terminals tal-imħatri. Barra minn hekk



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

hija meħtieġa wkoll kard għall-klijent tal-imħatri għal kull imħatra li taqbeż is-EUR 70. Abbażi ta' din l-emenda, din l-identifikazzjoni tal-klijenti tista' ssir ukoll bi proċess tal-identifikazzjoni bijometriku.

Għall-ħarsien tal-klijenti tal-imħatri, barra minn hekk se jiġu pprojbiti mħatri fejn jintlagħbu iktar minn EUR 500 kif ukoll imħatri live (bl-eċċezzjoni ta' mħatri fuq riżultat intermedju jew finali [numeriku] jew fuq eżitu dderivat minn dan ir-riżultat jew fuq liema persuna jew liema tim imiss itejjeb l-iskor tiegħu).

9. L-abbozz ta' konsultazzjoni għal dan l-att diġà ġie nnotifikat (2017/208/A), iżda peress li fil-proċess leġislattiv sussegwenti saru emendi sinifikanti fit-test leġislattiv issa qed issir notifika ġdida, din id-darba fl-istadju tar-rapport finali tal-kumitat. Bħala emenda sinifikanti għandu jitqies il-fatt li għall-ħarsien tal-klijenti tal-imħatri qed jiġu introdotti kundizzjonijiet u ċirkustanzi addizzjonali li jikkostitwixxu mħatri pprojbiti. Għalhekk se jiġu pprojbiti wkoll imħatri fejn jintlagħbu iktar minn EUR 500 kif ukoll imħatri live (bl-eċċezzjoni ta' mħatri fuq riżultat intermedju jew finali [numeriku] jew fuq eżitu dderivat minn dan ir-riżultat jew fuq liema persuna jew liema tim imiss itejjeb l-iskor tiegħu).

Mill-bqija japplika dak li ġie stabbilit fl-ewwel notifika:

Għandu jittieħed kont tal-possibbiltajiet ġodda li jġib miegħu l-progress teknoloġiku billi jinħolqu l-prerekwiżiti sabiex f'każ ta' żjarat sussegwenti (jiġifieri wara l-identifikazzjoni inizjali li għadha obbligatorja abbażi tal-preżentazzjoni ta' karta tal-identità fotografika uffiċjali) id-determinazzjoni neċessarja tal-identità ssir mingħajr il-preżentazzjoni personali tal-karta tal-identità fotografika uffiċjali jekk l-effett ta' leġittimazzjoni jiġi żgurat mill-anqas b'mod ekwivalenti fil-każ tad-determinazzjoni tal-identità bi proċessi tal-identifikazzjoni bijometriċi. Proċess tal-identifikazzjoni bijometrika applikat b'mod fakultattiv irid ikun strutturat b'tali mod li tiġi ggarantita identifikazzjoni sigura u eżatta (bħal eż. f'każ ta' marki tal-linji papillari). Fil-każ taż-żjarat sussegwenti b'dan il-mod normalment se jintlaħaq grad ogħla ta' sikurezza waqt l-identifikazzjoni tal-klijenti milli jista' jintlaħaq meta tintwera l-karta tal-identità u l-preżentazzjoni tal-kard tal-klijent tal-imħatri (eliminazzjoni tal-isforz manipulatwari waqt il-kontroll kif ukoll tal-possibbiltajiet ta' abbuż f'każ tat-trasferiment jew tat-telf tal-kard). B'dan il-mod qed jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm il-protezzjoni taż-żgħażaġh u tal-klijenti tal-imħatri kif ukoll il-prevenzjoni tal-użu għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu.

L-istess japplika wkoll għas-settur tal-imħatri.

10. It-testi bażiċi ntbagħtu fil-kuntest ta' notifika preċedenti: 2010/744/A

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. L-informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt tinstab fil-paġna 2 et seq tan-nota ta' spjega.

16. Aspett OTK

LE - L-abbozz m'għandu ebda impatt sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali.

Aspett SPS

Le - L-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja.

Il-Kummissjoni Ewropea



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs

Single Market Enforcement

Notification of Regulatory Barriers

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535

Fax: +32 229 98043

email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu